MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2006

Appell Civili Numru. 3391/1996/2

**John Giordmaina u b'digriet tal-21 ta' April 1997 gew mizjuda l-kliem "u martu Louise Giordmaina"**

**v.**

**Joseph u Maria Carmen sive Mary, konjugi Pace**

**Il-Qorti:**

**<u>PRELIMINARI</u>**

## 1. IC-CITAZZJONI ATTRICI

Fil-kawza odjerna l-atturi qed jitolbu l-hlas tas-somma ta' sebghin elf Lira Maltin, liema ammont jirraprezenta import ta' kambjala ffirmata u accettata mill-konvenuti fis-16 ta' Dicembru 1994 li skadiet fis-16 ta' Gunju 1996. Fic-citazzjoni pprezentata fl-4 ta' Dicembru 1996, l-attur zied jippremetti li fit-12 ta' Novembru 1996, huwa talab lill-konvenuti jhallsuh l-ammont dovut fil-kambjala, permezz ta' ittra tal-konsulent legali tieghu. Ippremetta wkoll li peress illi l-ammont dovut kien cert, likwidu u skadut kienet applikabbli l-procedura sommarja skond l-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u li l-konvenuti ma kellhom ebda eccezzjoni valida x'jissolevaw ghat-talbiet attrici. B'hekk l-attur talab lill-Qorti tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh u tikkundanna lill-konvenuti jhallsuh l-ammont ta' sebghin elf Lira Maltin, import ta' kambjala iffirmata u accettata mill-konvenuti fis-16 ta' Dicembru 1994, liema kambjala skadiet fis-16 ta' Gunju 1996. Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta' l-iskadenza tal-kambjala sal-hlas effettiv.

## 2. L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUTI JOSEPH PACE ET

Wara li fis-seduta tas-6 ta' Jannar 1997 (fol. 10), il-Qorti kkoncediet lill-konvenuti l-fakolta` li jipprezentaw nota ta' l-eccezzjonijiet, dawn eccepew is-segwenti –

i) in-nullita` tac-citazzjoni stante li l-kawza ma gietx istitwita wkoll minn mart l-attur;

ii) in-nullita` tal-kambjala stante li din ma gietx iffirmata mill-attur u minn martu kif titlob il-ligi;

iii) minghajr pregudizzju ghat-talba precedenti, in-nullita` tal-kambjala in kwistjoni stante li saret biex tahbi kuntratt ta' self fejn l-interessi mitluba huma aktar minn dak permess mil-ligi;

iv) l-inapplikabilita` ta’ l-Artikolu 198 tal-Kodici Kummercjali peress li l-ligi li tipprojbixxi l-uzura tikkostitwixxi regola ta’ Ordni Pubblika;

v) li s-somma mitluba mhix dovuta stante li huma hallsu kemm l-ammont misluf u anke l-interessi kif jidher car mic-cekkijiet imsarrfa.

B’digriet tal-21 ta’ April 1997, il-Qorti awtorizzat korrezzjoni fl-okkju tal-kawza billi saret iz-zieda ta’ isem mart l-attur Louise Giordmaina, u b’hekk idderemiet it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti.

Il-kawza odjerna giet deciza b’sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-26 ta’ Frar 1999, fejn dik il-Qorti kienet cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u laqghet it-tieni talba attrici bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti konjugi Pace. Minn tali sentenza sar appell lil din il-Qorti (diversament komposta) li gie deciz b’sentenza tad-19 ta’ Gunju 2001, fejn din il-Qorti annullat is-sentenza appellata u ordnat li l-atti tal-kawza jergghu jigu rinvjati quddiem il-Prim Istanza sabiex, wara li din tkompli tisma’ l-kawza, fid-dawl ta’ l-osservazzjonijiet maghmula f’dik is-sentenza, tiddeciedi l-kawza.

Sussegwentement waqt li l-kawza kienet qed tinstema’ mill-ewwel Qorti, id-difensur ta’ l-atturi talab li jigi awtorizzat jirtira l-kambjala esebita minnu u b’digriet tal-14 ta` Dicembru 2001 dik il-Qorti awtorizzatu jirtiraha, liema kambjala regghet giet esebita mill-atturi dik in-nhar stess wara li giet debitament iffirmata mill-atturi.

## <u>3. IS-SENTENZA APPELLATA</u>

B’sentenza tas-16 ta’ Jannar 2003 il-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u l-ewwel talba attrici stante li l-konvenuti kienu nghataw l-opportunita` li jikkontestaw il-kawza, laqghet it-tieni talba ta’ l-atturi u ordnat lill-konvenuti *in solidum* lill-atturi s-somma ta’ LM70,000 bl-imghax legali mill-4 ta’ Dicembru

1996 sal-pagament effettiv, u dan wara li kkunsidrat is-segwenti –
i) Illi in principju, ma jistax jinghad li hu assolutament ipprojbit li tigi alterata skrittura jew dokument li tifforma parti mill-atti tal-process tal-kawza, diment li tali alterazzjoni ma ssirx bil-habi u ssir bil-permess preventiv tal-Qorti, liema permess jinghata minghajr pregudizzju ghas-sottomissjonijiet tal-partijiet l-ohra fil-kawza;

ii) Fil-kaz odjern, meta l-qorti accettat it-talba attrici, ma kkomettietx ruhha dwar il-validita` u l-effetti legali ta' dak li kien bihsiebhom jaghmlu l-atturi, biex ma tippregudikax il-posizzjoni tal-kontro-parti u l-materja baqghet miftuha ghad-deliberazzjoni u b'hekk ma kienx hemm lok li l-kambjala tigi sfilzata kif talbu l-konvenuti;

iii) M'hemm xejn hazin li l-attur iffirma l-kambjala fil-mori tal-kawza anke jekk il-konvenuti kienu ecceppew in-nullita` ghaliex kien jonqos il-firma ta' l-atturi. Spjegat li ghalkemm kien hemm periodu meta d-duttrina ta' l-*ius superveniens* kienet applikata restrittivament, ricentement din id-duttrina giet applikata f'sitwazzjonijiet aktar wiesgha u l-Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni fl-ismijiet **Laferla v. Falzon et** (deciza fit-23 ta' Novembru 1984) qalet li d-duttrina ta' l-*ius superveniens* ghandha tigi applikata f'kull kaz li l-bazi ta' l-azzjoni tavvera ruhha fil-mori tal-kawza. Inoltre, fil-kawza **Bonanno v. Bonanno et** deciza fid-29 ta' Jannar 1997 (Appell Superjuri), gie osservat illi l-eccezzjoni ta' nullita` m'ghandhiex tkun accettata meta hu possibbli rimedju jew meta s-sitwazzjoni tista' tigi rimedjata bid-duttrina ta' *ius superveniens*;

iv) Jekk hemm htiega tal-firma tal-kreditur bhala prova ta' l-accettazzjoni tieghu ta' l-obbligazzjoni, din mhux mehtiega li ssir kontestwalment mal-firma tad-debitur, u jekk hu permess li dokument jigi kompletat fi stadji, ma hemm l-ebda raguni ghala dan ma jistax isir fil-kors tal-kawza. Qalet li ma hemmx kwistjoni li din il-kambjala giet iffirmata mill-konvenuti u moghtija lill-atturi biex jimlewha u dawn hekk ghamlu – il-fatt li ghamlu dan fil-kors tal-kawza jista' jkollu rilevanza fuq l-ispejjez izda ma jolqotx il-validita` ta' dak li sehh. Inoltre, gie deciz illi ma hemm l-

ebda regola fuq min ghandu jiffirma l-kambjala l-ewwel izda dak li hu importanti hu li jkun hemm il-firem tat-traent u ta’ l-accettant.

v) Il-ligi trid li l-kambjala tkun iffirmata minn min harigha u mhux minn min jaccettaha; l-importanti hu li min ikun obbligat taht il-kambjala jkun iffirmaha u b’hekk juri li hu accetta li jhallas l-ammont indikat. Ziedet li mhux mehtieg li l-kreditur jimmanifesta l-accettazzjoni tieghu bl-istess formalita` u l-fatt li accetta u zamm il-kambjala hija prova bizzejjed ta’ l-accettazzjoni tieghu.

vi) Meta kambjala ma tkunx giet girata ma takkwistax in-natura awtonoma u indipendenti mill-obbligazzjoni li tat lok ghall-istess kambjala, u bejn il-partijiet li harguha hija biss prova tad-dejn li nholoq bejniethom. B’hekk l-azzjoni fuq il-kambjala ma tistax timxi wahedha minghajr referenza ghall-ftehim li ta lok ghall-hrug taghha. Kien ghalhekk li l-legislatur Malti ma ghamilx il-kambjala titolu esekuttiv, biex diment li l-kambjala tkun ghadha fil-pussess tal-persuna favur min inharget, ma tigix uzata bhala mezz ta’ estorsjoni u min jitlob hlas fuqha jkun irid jiggustifika t-talba tieghu, ghax altrimenti tista’ tkun obbligazzjoni bla kawza. Dan johrog car ukoll mill-Artikoli 197 *et seq* tal-Kodici tal-Kummerc, fejn l-artikolu 197 jiddisponi li “l-eccezzjonijiet li huma personali ghall-*giranti* ma jistghux jinghataw kontra l-*pussessur tal-kambjala.*” F’kelma wahda jekk il-kambjala ma tkunx girata it-traent-konvenut jista’ jaghti kontra l-beneficjarju-attur eccezzjonijiet personali ghalih.

vii) Darba li l-kambjala mertu tal-kawza odjerna m’ghandhiex natura awtonoma u qed isservi biss bhala prova ta’ l-obbligazzjoni jew bhala mezz biex jintwera d-dejn u bhala ‘skrittura’ ta’ obbligazzjoni, mhux mehtieg li tkun firmata mill-kreditur *ad validitatem*. Dan johrog minn decizjonijiet tal-Qorti ta’ l-Appell fejn fost ohrajn, gie deciz illi, garanzija ffirmata biss mid-debitur hi valida u li f’kaz ta’ skrittura ffirmata biss minn parti wahda, il-fatt li l-parti li ma tkunx iffirmatha zammet l-iskrittura u ipproducietha fil-kawza bhala prova, jista’ jekwivali ghall-firma. F’tali kaz il-

konvenut jista' jissolleva kwalunkwe eccezzjoni li tolqot l-obbligazzjoni li tat lok ghall-hrug tal-kambjala.

viii) L-ewwel Qorti qablet mad-duttrina *per equipollens* adottata mill-qrati taghna, fis-sens li anke jekk il-kambjala tkun nulla bhala kambjala jew bhala skrittura, xorta tista' tghaddi biex tezamina l-kreditu pretiz mill-kreditur a bazi tal-provi u f'din l-analizi kwalunkwe dokument iffirmat mill-allegat debitur – avolja null bhala skrittura formali – jista' jittiehed bhala prova kontra tieghu.

A bazi ta' dawn il-premessi l-Qorti ghaddiet biex tezamina l-meritu tal-kawza. Iddikjarat li l-atturi kien irnexxielhom jippruvaw l-allegat dejn ta' Lm70,000 u li l-konvenuti, li kienu obbligati jippruvaw l-allegazzjonijiet taghhom li d-dejn kien fih element ta' uzura u li fi kwalunkwe kaz l-ammont misluf kien gie mhallas kollu, kienu naqsu milli jipprovaw tali allegazzjonijiet.

**4. L-APPELL TAL-KONVENUTI JOSEPH U MARY CARMEN PACE**

Il-konvenuti konjugi Pace hassewhom aggravati b'din id-decizjoni u appellaw minnha fuq is-segwenti aggravji –
i) Jissottomettu li l-kambjala mertu tal-kawza odjerna hija ordni maghmula minn persuna (it-traent) lil ohra biex din ta' l-ahhar thallas l-ammont hemm indikat u li peress li fid-data li fiha, skond l-istess dokument, kellu jsir il-hlas ma kenitx iffirmata mit-traent, kif trid il-ligi, il-kambjala hija nulla u ma ghandha l-ebda effett bhala titolu ta' kreditu. Jinsistu li fid-"date of maturity" huma ma kienu obbligati jhallsu xejn u ma seta jintalab l-ebda hlas fuq dik il-kambjala ghaliex il-kambjala kienet tiddifetta minn rekwizit essenzjali. B'hekk il-kawzali ta' l-azzjoni kambjarja, cioe` in-nuqqas ta' hlas ta' kambjala, kienet nieqsa. Jillanjaw li l-Qorti ta' l-ewwel grad kienet zbaljata meta qalet li dan id-difett seta' jigi sanat ghaliex il-posizzjoni rigwardanti l-kambjala ikkristallizat ruhha fid-data li fiha seta' jintalab il-hlas taghha, u la l-kambjala ma kenitx valida ma setghetx tigi proposta l-azzjoni kambjarja - il-firma li saret wara li l-

atti gew rimessi lill-Prim Awla tal-Qorti Civili ma tiswiex biex tissana l-posizzjoni.

ii) Id-decizjoni tal-Prim Istanza li l-kambjala tassumi hajja indipendenti u awtonoma biss fil-kaz li tigi girata tmur kontra l-gurisprudenza ormai konsolidata tal-Qrati taghna. L-ezistenza ta' kambjala tikkostitwixxi fonti ta' obbligazzjonijiet indipendenti minn kwalsiasi negozju antecedenti anke jekk il-kambjala saret a bazi jew minhabba dan in-negozju. Il-kawza odjerna hija azzjoni kambjarja u c-citazzjoni attrici ma tirriferix ghal xi transazzjoni ohra, ghaldaqstant il-Qorti setghet tiddibatti biss il-kwistjoni dwar jekk il-konvenuti kellhomx jigu kkundannati jhallsu l-kambjala mertu tal-kawza, u d-difiza taghhom ghall-azzjoni kambjarja kellha tirnexxi, stante li huma ppruvaw illi fil-mument meta ntalab il-hlas ma kienet tezisti ebda kambjala valida.

B'hekk talbu r-revoka u t-thassar tas-sentenza appellata billi jigu akkolti l-eccezzjonijiet taghhom u jigu michuda t-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

**<u>5. IR-RISPOSTA TA' L-APPELLATI KONJUGI GIORDMAINA</u>**

L-appellati rrispondew sostanzjalment hekk:–

i) L-ewwel Qorti ghamlet apprezzament tajjeb tal-fatti u interpretat il-ligi b'mod korrett u ghalhekk is-sentenza tal-Qorti ta' l-ewwel grad hija gusta u ghandha tigi konfermata. Fl-appell odjern l-appellanti ma qalu xejn gdid li mhux diga` gie trattat mill-Prim Istanza;

ii) L-appellanti ma semmew ebda provvediment tal-ligi jew gurisprudenza li tikkonforta t-tezi taghhom li l-kambjala kellha tigi ffirmata fid-"date of maturity";

iii) L-appellanti, ma hallsux mhux ghax ma kienx hemm il-firma ta' l-appellati izda ghax riedu jaharbu mill-obbligi taghhom;

iv) Il-kambjala giet irtirata mill-appellati wara li ottenew il-permess tal-Qorti fis-seduta tal-14 ta' Dicembru 2001, mil-liema digriet ma sarx appell, u dan sabiex jergghu jesebixxu l-kambjala bil-firem taghhom u b'hekk jizguraw li l-appellanti ma jinhbewx wara eccezzjonijiet bl-uniku skop li jeludi d-drittijiet ta' l-appellati. Inoltre, l-ewwel Qorti ghamlet sewwa li applikat il-principju tal-*ius superveniens*;

v) L-appellanti ma ressqu ebda argument li b'xi mod jikkontradici l-kliem tal-Qorti li "jekk hemm htiega ta' tali firma bhala prova li l-kreditur accetta dik l-obbligazzjoni, din mhux mehtieg li ssir necessarjament dak il-hin li saret il-weghda mid-debitur."

vi) Jirreferu ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Kummerc fl-ismijiet **Edward Vincenti Kind v. Carmelo Abdilla et**[1] fejn il-Qorti kienet ghamlet distinzjoni bejn kambjala li tigi ffirmata bejn zewg partijiet biss, bhal fil-kaz odjern, u ohra li tindika terza persuna li ghandha thallas. Hemmhekk intqal li fl-ewwel kaz minn jemetti l-kambjala, imsejjah it-traent jew emittent, jobbliga ruhu li jhallas huwa stess personalment u ghalhekk f'din it-tip ta' kambjala it-traent huwa d-debitur, ossija l-appellanti. Tali ragunament gie wkoll adottat fil-kawzi fl-ismijiet **Dr. G. Sammut v. John Conti** (Vol XXIX.iii.39) u **Martyn Attard et v. Alfred Cachia pro et noe** (deciza mill-Prim Awla fit-13 ta' Novembru 95);

vii) Bla pregudizzju ghal dak premess, il-Qorti ta' l-ewwel grad ikkonfermat ukoll l-applikazzjoni tal-principju *per equipollens*;

viii) Il-fatti ma jhallu ebda dubju li l-appellanti huma debituri ta' l-appellati fl-ammont mitlub mill-atturi, tant li l-appellanti ma ressqu ebda lanjanza dwar l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti.

## <u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>

[1] 5 ta' Ottubru 1954

6.1 Din hi azzjoni kambjarja fejn l-atturi, il-konjugi Giordmaina, qed jitlolbu lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti, il-konjugi Joseph u Mary Carmen Pace, jhallsuhom is-somma ta’ LM70,000 import ta’ kambjala ffirmata u accettata minnhom fis-16 ta’ Dicembru 1994 li skadiet fis-16 ta’ Gunju 1996, liema talba giet akkolta mill-Prim Awla tal-Qorti Civili permezz ta’ sentenza tas-16 ta’ Jannar 2003. Il-konvenuti appellaw minn din id-decizjoni peress li jikkontendu bazikament li –
i) l-kambjala mertu tal-kawza odjerna hija nulla stante li fid-data li fiha kellu jsir il-hlas, cioe` fid-data ta’ l-iskadenza, kienet nieqsa minn rekwizit essenzjali – il-firma tat-traent, u li l-firma li saret wara li l-atti gew rimessi lill-Prim Awla ma tiswiex biex tissana din il-posizzjoni; u

ii) id-decizjoni tal-Prim Awla li l-kambjala tassumi hajja indipendenti u awtonoma minn kwalsiasi negozju antecedenti biss meta l-kambjala tkun giet girata, tmur kontra l-gurisprudenza ormai konsolidata tal-Qrati nostrana. Ic-citazzjoni attrici titratta azzjoni kambjarja u ma tirreferix ghal xi transazzjoni ohra u b’hekk il-Qorti setghet biss tiddibatti jekk il-konvenuti kellhomx jigu kkundannati jhallsu l-kambjala.

6.2. L-appellati konjugi Giordmaina jsostnu li s-sentenza tal-Qorti ta’ l-ewwel grad ghandha tigi konfermata ghar-ragunijiet esposti fir-risposta ta’ l-appell taghhom prezentata fl-atti ta’ din il-kawza fl-4 ta’ Marzu 2003.

7.1. Jinghad mill-ewwel li z-zewg lanjanzi principali ta’ l-appellanti jittrattaw punti tad-dritt u huma intimament konnessi. Dwar l-ewwel lanjanza imqajma, ossija n-nullita` tal-kambjala bhala titolu ta’ kreditu ghaliex mhux iffirmata sad-data ta’ l-iskadenza mit-traent, l-ewwel Qorti qalet li tali difett jista’ jigi sanat u kien in effetti gie sanat bil-fatt li l-atturi kienu ffirmaw l-istess kambjala fil-mori tal-proceduri quddiemha. Waslet ghal din id-decizjoni billi applikat id-duttrina ta’ l-*ius superveniens* u anke a bazi tal-gurisprudenza kwotata minnha fejn, fost punti ohra kien intqal li “chi rilascia un foglio sottoscritto in bianco si presume dare a colui che lo riceve la facolta` di riempirlo.” Apparti dan, dik il-Qorti kienet qalet li ma kenitx “perswaza

li l-firma tal-kreditur fuq il-kambjala hija mehtiega *ad validitatem*. Il-ligi trid li l-kambjala tkun iffirmata minn min harigha, u mhux ukoll minn min jaccettaha; l-importanti hu li min ikun obbligat taht kambjala jkun iffirma l-istess bhala forma solenni li hu accetta li jhallas l-ammont indikat." Kienet imbaghad iccitat silta min-noti tal-Professur Felic Cremona fejn f'pagna 274 jghid li –
"The drawer of a bill of exchange must put his signature thereon in order that his intention of binding himself quoad any holder of the bill may result in a formal and unequivocal manner." [2]

F'kelma wahda, il-Qorti ta' l-ewwel grad kienet ikkonkludiet illi l-emittenti tal-kambjala *de quo* kienu d-debituri, ossija l-konjugi Pace; in fatti ziedet tghid li -
"Il-kreditur irid jaccetta dik l-obbligazzjoni, pero` mhux mehtieg li din l-accettazzjoni jimmanifestaha bl-istess formalita` u solennita`. Il-fatt li accetta u zamm il-kambjali hija prova bizzejjed ta' l-accettazzzjoni tieghu."[3]

Ghaldaqstant, skond l-ewwel Qorti t-traent kien iffirma l-kambjala in kwistjoni u kien biss il-kreditur, appellat odjern, li ma kienx ghadu ffirma l-kambjala sad-data ta' l-iskadenza. B'hekk il-Qorti ta' l-ewwel grad kienet ikkonkludiet illi t-traent (drawer) u t-trattarju (drawee, u f'dan il-kaz anke l-accettant) kienu l-istess persuna u li l-attur kreditur, kien il-prenditur tal-kambjala (payee).

L-appellanti konjugi Pace izda qed jillanjaw illi l-kambjala hija nulla ghaliex ma kenitx giet iffirmata mit-traent, li hu fl-opinjoni taghhom John Giordmaina, li kien iffirmaha biss fil-mori tal-proceduri odjerni, wara li kien gie awtorizzat jirtira l-kambjala mill-ewwel Qorti fis-seduta tal-14 ta' Dicembru 2001[4]. Jirrizulta ghalhekk li l-appellanti noe ma jaqblux mal-Qorti dwar min hu t-traent tal-kambjala pprezentata fl-atti[5].

---

[2] fol. 7 tas-sentenza tal-Prim Awla
[3] fol. 8 tas-sentenza tal-Prim Awla
[4] fol. 350-353
[5] Kambjala a fol. 353 – Kopja tinsab a fol. 4

8.1. “Di diritto” ghandu jigi rilevat illi l-kambjala hija obbligazzjoni ta’ persuna imsejha t-traent, jew emittent, li ggieghel lil xi hadd iehor li jhallas, jew thallas hi stess, lil xi hadd iehor imsejjah il-prenditur (payee), jew lill-possessur ta’ l-istess kambjala, somma determinata fid-data ta’ l-iskadenza. Il-kambjali huma regolati fil-ligi taghna fit-Titolu VII tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta’ Malta fl-Artikoli 123 et seq. L-Artikolu 123 jitratta l-forma tal-kambjala u jiddisponi li –
“Il-kambjala ghandu jkun fiha d-data, il-lok fejn tigi migbuda, is-somma li ghandha tithallas, l-isem ta’ dak li ghandu jhallas, u l-isem ta’ dak li lilu jew ghall-ordni tieghu ghandu jsir il-hlas, iz-zmien u l-lok tal-hlas, u l-valur moghti fi flus, f’merkanzija, f’kont, jew f’kull mod iehor, u ghandha tkun iffirmata minn min jigbidha.”

Imbaghad l-Artikolu 124 tal-Kodici tal-Kummerc jipprovdi li –
“Il-kambjala tista’ tingibed fuq wiehed innifsu, u tista’ tkun maghmula li tithallas fil-lok stess fejn tkun ingibdet.”

Inoltre, skond l-Artikolu 127 –
“Il-kambjala tista’ tingibed ghall-ordni ta’ terza persuna jew ghall-ordni ta’ dak stess li gibidha.”

8.2. L-Artikolu 123 tal-Kodici ta’ Kummerc gie analizzat minn numru ta’ decizjonijiet tal-Qrati taghna fejn gie deciz li mhux in-nuqqas ta’ kull partikolarita` imsemmija fl-istess artikolu timporta n-nullita` tal-kambjala. Hekk per ezempju gie deciz mill-Qorti ta’ l-Appell Kummercjali fil-kawza fl-ismijiet **Galea v. Bartolo**[6] li n-nuqqas tad-data ma timpurtax in-nullita` tal-kambjala. Dan izda ma japplikax ghal rekwiziti ohra bhal l-isem ta’ dak li ghandu jhallas (it-trattarju) u r-rekwizit li l-kambjala ghandha tigi ffirmata minn min gibidha u dan ghaliex il-firma tat-traent ghandha l-valur li turi r-risoluzzjoni ta’ l-emissjoni tal-kambjala. Dan il-principju gie affermat f’bosta decizjonijiet tal-Qrati taghna u fid-duttrina.

[6] Deciza fl-4 ta’ Novembru 1968

8.3. L-awturi tal-ktieb *Byles on Bills of Exchange* meta jiddiskutu l-essenzjalita` tal-firem tal-partijiet fuq il-kambjali, jghidu li –
"The drawer's signature is essential to the validity of a bill; without it no action can be maintained against the acceptor, either as such or as the maker of a note. An instrument signed by the drawer as such is, though unaccepted by the drawee, a complete and regular bill quoad a holder in due course…"[7]

Kif qalet il-Qorti ta' l-ewwel grad, fin-noti tieghu *Notes on Commercial Law*[8] il-Professur Felic Cremona jispjega ghaliex il-firma tat-traent hija tant essenzjali. Jghid hekk,
"The drawer of a bill must put his signature thereon in order that his intention of binding himself thereby quoad any holder of the bill may result in a formal and unequivocal manner; without it no action may be maintained against the acceptor, either as such or as the maker of a promissory note. In fact, the endorsement by the drawer of the bill to his order would not remedy the absence of his signature as drawer. Again, a bill signed by the drawer as such, is, though unaccepted by the drawee, a complete and regular bill for all intents and purposes of law."

8.4. Dawn il-Qrati f'numru ta' decizjonijiet irritenew illi l-kambjala trid tkun iffirmata mit-traent *ad validitatem*, ghalkemm qalu li meta ma tkunx valida minhabba f'hekk tista' tigi sostnuta bhala obligazzjoni semplici[9]. Il-Qrati spjegaw illi l-kambjala mhux iffirmata mit-traent ma tikkwalifikax guridikament bhala tali ghaliex "il-ligi ma tistax tikkontempla l-kaz ta' kambjala jekk ma intervjenewx almenu zewg persuni biex iffirmawha."[10]

Gie ritenut ukoll li l-ligi tirrikjedi biss li l-kambjala tkun iffirmata mit-traent biex ikun hemm il-konferma ta' l-

[7] 26th edition London, Sweet & Maxwell (1988) pg 13
[8] Revised edition 1979 part II
[9] Ara Dr. G. Sammut v. J. Conti Prim Awla – 27 ta' Novembru 1934 li tikkwota d-decizjonijiet fl-ismijiet Galea v. Delicata Appell Superjuri deciz fl-10 ta' Jannar 1866; Gambin v. Garafalo Prim Awla deciza 24 ta' Marzu 1877; Parnis v. Rutter Appell deciz 15 ta' Ottubru 1926 u Pollacco v. Diacono Prim Awla deciza 15 ta' Dicembru 1900
[10] Henry Pace v. Jos. Azzopardi – Prim Awla 13 ta' Ottubru 1964

obbligazzjoni u ma hemm ebda disposizzjoni tal-ligi li tistabilixxi jew timponi l-kronologija fil-firem fuq il-kambjali - “Jigifieri, jekk it-traent u l-accettant, kif jigri spiss… ipoggu madwar mejda biex jiffirmaw il-kambjali, ma taghmel ebda differenza min minnhom jiffirma l-ewwel. Per ezempju, it-trattarju (drawee) jista’ jiffirma wara u fil-fatt huwa jsir parti biss meta u jekk jiffirmaha, u b’hekk jaccetta l-obbligazzjonijiet ta’ trattarju. Jekk id-dokument jigi debitament riempit, anke b’intervall ta’ zmien bejn firma u ohra, id-dokument hu validu u jistghu jigu esercitati d-drittijiet naxxenti minnu fil-konfront tal-partijiet li jkunu ffirmawh.”[11]

8.5. Izda kif diga` gie spjegat l-azzjoni kambjarja ma tistax tirnexxi kontra l-accettant jekk il-kambjala ma tkunx iffirmata mit-traent, kif trid il-ligi, ghax id-dokument ikun effettivament null bhala kambjala u ghalhekk ma jistax jinghata l-forza esekuttiva li jintitola lill-kreditur li jithallas semplicement u unikament bis-sahha tieghu.

Kif diga` intqal l-appellanti konjugi Pace ma jaqblux mal-konkluzzjoni raggunta mill-Qorti ta’ l-ewwel grad li huma kienu l-emittenti (traenti) tal-kambjala in kwistjoni. Isostnu li l-kambjala kellha tigi ffirmata mill-attur u minn martu sad-data ta’ l-iskadenza ghaliex kienu proprju dawn ta’ l-ahhar li emettew il-kambjala u l-fatt li l-atturi ffirmaw il-kambjala fil-mori tal-proceduri odjerni ma tissanax in-nullita` tal-kambjala in kwestjoni.

Issa minn ezami tal-kambjala *de quo*, li kopja fotostatika taghha kienet giet esebita mac-citazzjoni fl-4 ta’ Dicembru 1996, jidher li l-unici firem li hemm fuq il-kambjala in kwestjoni huma dawk fil-margini fuq in-naha tax-xellug, ossija dawk tal-konvenuti appellanti odjerni, bhala accettanti tal-kambjala u fil-fatt il-konvenut Joseph Pace huwa indikat bhala trattarju fl-istess kambjala.

8.6. It-traent, jew emittent, huwa dak li johrog l-kambjala. Fil-kaz in ezami kuntrarjament ghal dak li qalet il-Qorti ta’ l-ewwel grad, it-traent huwa l-kreditur, l-attur John

[11] Carmelo sive Charlie Sammut v. Godwin Agius - Appell Superjuri deciz 23 ta’ Gunju 1997

Giordmaina kif jidher mill-isem li huwa stampat in kalce tad-dikjarazzjoni kambjarja – in fatti huwa proprju f'dan il-post li normalment jiffirma it-traent (ghalkemm gie accettat mid-duttrina u l-gurisprudenza li jekk il-firma tat-traent titqieghed f'post iehor fid-dokument tkun valida jekk jirrizulta minghajr ambigwita` min hu t-traent – **E. Vincenti Kind v. Abdilla** Prim Awla 5 ta' Ottubru 1964).

Dejjem fil-kambjala *de quo*, min ghandu jircievi l-hlas (il-prenditur) hu l-istess persuna li harget il-kambjala ossija John Giordmaina. Kif diga` gie rilevat dan hu permissibbli ai termini ta' l-Artikolu 127 tal-Kodici Kummercjali. F'kelma wahda, huma korretti l-appellanti meta jillanjaw illi sad-data ta' l-iskadenza, u sahansitra sad-data tal-prezentata tal-kawza, il-kambjala ma kenitx iffirmata mit-traent, u kienet ghalhekk nieqsa minn rekwizit essenzjali ghall-validita` taghha li kien anke jwassal ghan-nullita` ta' l-istess kambjala u ghac-cahda tat-talba attrici, stante li l-atturi qed jibbazaw it-talba taghhom fuq il-kambjala. Izda l-atturi fil-mori tal-proceduri quddiem il-Prim Awla, wara li talbu u ottjenew il-permess tal-Qorti, irtiraw il-kambjala ffirmawha u regghu pprezentawha fl-atti. Din il-Qorti ma tara xejn irregolari li l-kambjala giet kompletata fil-kors tal-kawza u li ghalhekk giet sanata n-nullita` ta' l-istess. Dan anke jekk hija konsapevoli li kien hemm xi decizjonijiet ta' dawn il-Qrati fejn il-kambjala xorta wahda giet iddikjarata nulla. Fis-sentenza fl-ismijiet **Pheonix Domestic Appliances Ltd v. Joseph Vassallo**[12], kambjali li sal-prezentata tac-citazzjoni ma kienux iffirmati mit-traent u li gew iffirmati sussegwentement fil-mori tal-proceduri gudizzjarji gew dikjarati nulli u bla effett "stante li fil-hin tal-prezentata tac-citazzjoni dawn ma kienux ffirmati mit-traent." Din il-Qorti hija tal-konvinzjoni illi ghall-kaz odjern tapplika d-duttrina ta' l-*ius superveniens,* u ghalhekk f'dan ir-rigward tikkondividi l-fehma tal-Qorti tal-Prim Istanza u ta' dak li ntqal fid-decizjoni fl-ismijiet **Medairco Ltd v. Ack Limited et**[13] li kienet giet ikkonfermata minn din il-Qorti, diversament presjeduta, fis-27 ta' Mejju 2005. Fid-decizjoni taghha l-Prim Awla kienet spjegat illi nonostante

[12] deciza 20 ta' April 2001 – Prim Awla
[13] deciza 5 ta' Frar 1999 – Prim Awla

dak li ntqal fid-decizjoni **Showrey noe v. Cutajar**[14] deciza fis-26 ta' Marzu 1935 li d-dottrina ta' l-i*us superveniens* "…applies when the legal undertaking was held in abeyance by a period which falls due during the course of the proceedings, and not when its validity was conditional and dependant on the fulfillment of a condition which was ignored."

Kompliet li – "F'sentenzi eqreb ghaz-zmien tal-lum, izda, dawn il-Qrati taw il-beneficcju ta' l-i*us superveniens* mhux biss meta kien ghadu ma ghaddiex iz-zmien izda wkoll f'kazijiet fejn kienet nieqsa kondizzjoni essenzjali meta nfethet il-kawza, u din il-kondizzjoni sehhet waqt li l-kawza kienet miexja, ukoll meta din il-kondizzjoni kienet tehtieg li ssir xi haga minn terzi."

Din il-Qorti f'dan ir-rigward tirreferi ghad-decizjoni recensjuri taghha fil-kawza fl-ismijiet **C. Apap Bologna et v. Demoncada Ltd et**[15]. Hemmhekk din il-Qorti, kif presjeduta, addottat dak li kien intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Guido Laferla noe v. Dr. Vincent Falzon et** deciza fit-23 ta' Novembru 1984 u qalet li –
"Huwa principju assodat fil-gurisprudenza taghna (Qorti ta' l-appell, **Vella v. Galea**, Kollezzjoni Decizjonijiet Vol XXXIII-I-254 u Qorti ta' l-Appell, **Cini v. Galea**, Vol XLII-I-532) illi "jus superveniens firmat actionem et exceptionem". Ghalhekk, skond l-istess gurisprudenza, jekk waqt il-kawza jkun intervjena dak id-dritt, l-azzjoni li qabel tkun difettuza tigi msahha. Il-fondament ta' dan huwa precizament l-ekonomija tal-gudizzju u ta' l-ispejjez. Huwa evidenti ghalhekk li l-kazijiet fejn l-obbligazzjoni li tkun il-bazi ta' l-azzjoni tkun sospiza b'kondizzjoni jew terminu u din il-kondizzjoni tavvera ruhha jew it-terminu jaghlaq waqt il-kawza mhumiex, kif qeghdin jippretendu l-konvenuti, l-unici kazijiet fejn tigi applikata l-imsemmija duttrina. Dawn il-kazijiet, kif osservat il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Cini v. Galea** gia` citata huma biss kazijiet tipici imma ma humiex tassattivi b'mod assolut. U fil-fatt, tkompli tghid il-Qorti ta' l-Appell fl-istess kawza, id-duttrina giet applikata mill-Qrati taghna anke meta d-difett

[14] Vol XXIX.II.405
[15] deciza 28 ta' April 2006

inizjali gie sanat bis-sopravenjenza tad-dritt wara l-eccezzjoni, sahansitra meta l-kawza kienet fl-istadju ta' l-appell."

8.7. Fid-dawl ta' din il-gurisprudenza, jirrizulta li d-difett li kellha l-kambjala in kwestjoni gie sanat bil-principju ta' l-i*us superveniens* meta t-traent John Giordmaina iffirmaha fil-mori tal-proceduri u ghalhekk il-lanjanza ta' l-appellanti hija nfondata.

9.1. Darba li din il-Qorti qeghdha taqbel ma' l-ewwel Qorti li fil-kaz in ezami l-kambjala *de quo*, ma kenitx nulla imma wahda legalment valida, isegwi li jkun superfluwu ghal din il-Qorti li tinvesti l-bqija tal-lanjanzi ta' l-appellant dwar il-punt, sollevat mill-appellanti, li l-awtonomija tat-titolu kambjarju jghodd biss favur it-terz pussessur u li dan ma jghoddx fil-kaz li t-traent u t-trattarju accettant ikunu l-partijiet originali. Jinghad semplicement li anke fuq din il-kwistjoni, bhala fatt jezistu fehmiet divergenti kemm fost l-awturi kif ukoll fil-gurisprudenza lokali dwar din il-materja.

9.2. Ghalhekk, maghdud is-suespost, billi fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, il-kambjala *de quo* sfat reza valida, u kwindi mhux wahda nulla, ifisser li l-aggravji ta' l-appellanti ghandhom jigu respinti.

Ghal dawn il-motivi;
Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata tichad l-appell tal-konvenuti appellanti; b'dana li l-ispejjez ta' dana l-appell ikunu a kariku ta' l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------